# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum is-26 ta' Novembru 2020**

Appell numru 265 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**OMISSIS**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-26 ta' Settembru 2019 fil-konfront ta' OMISSIS detentur tal-karta tal-identità bin-numru OMISSIS1 fejn ġie mixli:

   Talli matul ix-xahar t'Awissu 2017 u fil-ġimgħat u x-xhur preċedenti ġewwa Wied il-Għajn u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin f'riżoluzzjoni waħda:

   1. Permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni, ippropona li jiltaqa' ma persuna ta' taħt l-eta ċjoe OMISSIS2 bil-ħsieb li jwettaq xi reat taħt l-artikoli 204, 204A sa 204D it-tnejn inklużi, u 208A tal-Kodiċi

Kriminali u dik il-proposta ġiet segwita b'att materjali li waslu għal dik il-laqgħa;

2. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' l-istess minuri OMISSIS2 u ma OMISSIS3;

3. B'egħmil żieni ikkorrompa persuna ta' taht l-eta' u cioe' OMISSIS3, minuri li kienet għadha m'għalqitx l-eta' ta' tnax il-sena u OMISSIS2, minuri ta' tnax il-sena;

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex fil-każ ta' sejbien ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-Liġi tordna lill-imsemmija ħati sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra t'esperti, jekk ikun il-każ, skont kif provdut fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;

   Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tordna ordni ta' trattament skont l-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali;

   Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta tal-vitmi u l-familjari tagħhom;

   Il-Qorti ġiet mitluba wkoll li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll fil-każ ta' ħtija.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu iżda limitatament in kwantu dawn jirrigwardaw l-aġir tiegħu fil-konfront ta' OMISSIS2 filwaqt li illiberatu minn dik il-parti li tirrigwarda lil OMISSIS3 u **kkundannatu għal perjodu t'erba' snin priġunerija**.

3. Inoltre ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ikkundannatu sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi mitlub mir-Reġistratur tal-Qorti jħallas is-somma ta' disa' mija wieħed u sittin euro tlieta u disgħin ċenteżmu (€961.93) rappreżentanti l-ispejjeż

inkorsi mal-ħatra t'esperti f'dan il-każ. Apparti dan, b'applikazzjoni tal-artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti ordnat il-ħruġ t'ordni ta' protezzjoni għal perjodu ta' tliet snin a favur ta' OMISSIS2, OMISSIS3 u l-familji rispettivi tagħhom. **Il-Qorti ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni t'isem OMISSIS2, OMISSIS3 u l-familji tagħhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni**.

4. Inoltre il-Qorti, ai termini tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur sabiex iniżżel isem il-ħati fir-Reġistru indikat fl-isemmi Kap u għal dak l-għan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistratur.

5. Illi minn din is-sentenza OMISSIS interpona appell fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi riformata billi tikkonfermaha fejn il-Qorti ma sabitux ħati tal-imputazzjonijiet fejn dawn jirrigwardjaw lil OMISSIS3; tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tat-tielet imputazzjoni u konsegwentement illiberatu minnha u okkorrendo billi tiddikjara illi l-ewwel imputazzjoni kienet kompriża u involuta fit-tieni imputazzjoni, tħassar dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-piena u takkorda piena sospiża minflok waħda karċerarja effettiva jew alternattivament piena aktar miti fiċ-ċirkostanzi tal-każ. U dan wara li saħaq is-segwenti :

i. Il-Qorti tal-Maġistrati għamlet apprezzament żbaljat tal-Liġi fir-rigward it-tielet imputazzjoni. Dik il-Qorti ma kellhiex issibu ħati tagħha u dan minħabba l-prinċipju *corrupta non corrupitur*. Skond l-

appellant OMISSIS2 kellha relazzjonijiet intimi ma guvni ieħor qabel l-appellant fejn hija kellha anki ritratti pornografiċi tiegħu illi hi kienet uriet lill-appellant ukoll. Kwindi hi kienet diġà esposta għal diversi esperjenzi sesswali. Inoltre, hi kienet tfittex lill-appellant biex ikollha x'taqsam miegħu. Irriżulta wkoll mill-messaġġi li ġew analizzati illi bosta drabi kienet tkun OMISSIS2 li kienet tibgħat il-messaġġi lill-appellant u dan anki fil-ħinijiet ta' bil-lejl apparti illi hi pprovokatu ħafna. Konsegwentement huwa qies li kellu jiġi illiberat mit-tielet imputazzjoni.

ii. L-appellant saħaq ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tqis l-ewwel imputazzjoni bħala kompriża u involuta fit-tieni imputazzjoni u dan peress illi l-proposti għall-laqgħat sesswali kienu parti mill-proċess tal-attivitajiet sesswali nfushom u li jaqgħu taħt it-tieni imputazzjoni. Dawn kienu mezz għall-fini u b'hekk il-piena għandha tiġi applikata fit-termini tal-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali.

iii. B'hekk il-piena kellha tiġi riveduta għat-tieni imputazzjoni biss.

***Ikkunsidrat***

6. Illi nhar il-31 ta' Awwissu 2017 l-Għassa ta Ħaż-Żabbar irċevew rapport mingħand żewġ tfajliet minuri li ġew akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom u li allegaw illi kellhom attivitajiet sesswali ma raġel adult. Irriżulta illi l-minuri kienu OMISSIS2 ta' tnax-il sena u OMISSIS3 t'għaxar snin. Dawn spjegaw illi kienu jkunu l-baħar mal-familji tagħhom fejn kien ikun hemm ukoll l-appellant li kien

ħabib tal-familji tagħhom. Skond OMISSIS2, meta kienu l-baħar flimkien, l-appellant kien messilha l-parti privata tagħha u sidirha u wara kienu skambjaw in-numri telefoniċi ta' xulxin. Hu beda jibgħatilha l-messaġġi sabiex jiltaqgħu u kien anki jixtrilha l-*cards* peress li ma kienx ikollha dejjem credit. Eventwalment bdew jiltaqgħu f'Ħal-Qormi ħdejn il-PAVI, viċin ta' fejn kienet toqgħod OMISSIS2.

7. OMISSIS2 tgħid li dawn iltaqaw bejn erbgħa u sitt darbiet fejn kull darba seħħew attivitajiet sesswali bejniethom. Huma kien ikollhom x'jaqsmu fil-vann tal-appellant u darba minnhom anki fil-vann taz-ziju tagħha OMISSIS4.

8. Il-Pulizija tkellmu wkoll ma OMISSIS3 li qaltilhom li f'żewġ okkazzjonijiet filwaqt li kienu l-baħar, l-appellant kien missilha l-parti tagħha u sidirha.

9. Il-Pulizija rnexxielhom jirrintraċċaw lill-appellant fiż-żona ta' Ħaż-Żabbar fejn ġie arrestat. Huwa ġie mitkellem mill-Pulizija fejn irrilaxxja stqarrija u kkonferma l-attivitajiet sesswali ma OMISSIS2, iżda mhux ma OMISSIS3.

***Ikkunsidrat***

10. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u

raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

11. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

12. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

13. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

14. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

15. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

16. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

17. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

18. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

19. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

20. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

21. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

22. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Vincent Calleja*** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

***Ikkunsidrat***

23. Illi għal dak li jirrigwarda ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, il-Qorti tagħmel referenza għall-artikolu 203 tal-Kodiċi Kriminali fejn dan ir-reat jirriżulta meta persuna '*b'egħmil żieni jikkorrompi persuna ta' taħt l-eta'*. Is-sub-artikolu (1) jelenka ċ-ċirkostanzi aggravanti għal dan r-reat u ċioe':

a. jekk d-delitt isir bi ħsara ta' persuna li m'għalqitx l-eta ta' tnax il-sena, inkella bi vjolenza;
b. jekk d-delitt isir b'theddid jew b'qerq;

c. jekk d-dlitt isir minn axxendent mid-demm jew bi zwieġ jew mill-missier jew l-omm addottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddiehor li lilu imqar jekk għal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jindukrah jew jzommu.

24. Fl-appunti ***Notes on Criminal Law***, Il-Professur Sir Anthony Mamo jelenka t-tlett elementi ta' dan r-reat u ċioe':

i. l-eta tal-vittma li għandha tkun inqas minn tmintax il-sena (illum sittax-il sena);
ii. l-element materjali tar-reat u cioe' l-atti impudiċi magħmula jew fuq il-vittma jew fil-presenza tal-vittma;
iii. il-korruzzjoni tal-minorenni.

25. Igħid li dan ir-reat :

> deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual.

26. Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-eta' tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioe' l-eghmil zieni:

> Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed....this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilement be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence..To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilement and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile.

27.Jiddeskrivi dawn l-atti bħala: *inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite.*

28.Fl-aħħarnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Fil-letteratura ġuridika tirriżulta diskordanza fis-sens li hemm ġuristi li ma jaqblux dwar il-fatt jekk minuri li diga' jkun korrott jistax ikun soġġett għal korruzzjoni (jew korruzzjoni ulterjuri) u kwindi jistax jitqies vittma ta' dana ir-reat. Madanakollu il-Qrati Maltin dejjem saħqu illi l-fatt illi minuri jkun diga' ġie soġġett għal atti korruttivi ma jeskludix il-kummissjoni ta' dan ir-reat fil-konfront tiegħu.

29.Għal dak li jirrigwarda imbagħad il-*mens rea* rikjest għal kommissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Sir Anthony Mamo huwa tal-fehma illi dan ir-reat ma jirrikjedix intenzjoni specifika:

> The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile…For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed, does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is reason for aggravating the crime… In other words if the acts in question are lewd acts, that is apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then in the absence of any indication that the said passive subject has not been effected by these acts, for example because he or she was to some degree already deprived - whoever has to judge the facts may reasonably conclude that there was actual or effective defilment."

30.Fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija v George Portelli,***[6] ġie mistqarr li l-Ġudikant għandu jagħmel l-apprezzament tiegħu taċ-

[6] Ddeciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-20 ta' Frar 1975

ċirkostanzi partikolari tal-każ u jqabbel in-natura tal-att mal-grad ta' korruzzjoni ġja milħuq mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri, jistax attwalment jingħad li biħ l-persuna ġiet korrotta.

31. In oltre skond ***Filippo Marci*** fl-opera tiegħu ***Reati Sessuali,***[7] jisħaq illi l-atti ta' libidini jridu "jikkorrompu" u mhux sempliċement li "jistgħu jikkorrompu" kif kien jesprimi l-leġislatur li kieku dan kien il-ħsieb u l-intenzjoni tiegħu.

> Ed e' nozione elementare che a produrre il fenomeno non basta la causa, e la qualita e capacita di esso a produrlo ma e' necessario l'offerta che lo compliti e lo esamisca perche ci sia un danno della corruzione.

32. It-tifsira ta' *atti di libidine* adottata minn dawn il-Qrati hija riflessa f'dak mistqarr fl-appell kriminali ***Il-Pulizija vs. Thomas Wiffen:***[8]

> Lewd acts are therefore all those acts 'diretti ad ecitare la propria consupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza' the duration of these acts is immaterial for the nature of a lewd act. Whether there has been difilement or not, is not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge, the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases - taking into account all the circumstances of the case, including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts.

33. Imbagħad fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Andrew Bonnici,***[9] il-Qorti qalet is-segwenti:

> Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors

[7] Torino Fratelli Borca - Edit. 1927 - pg. 194.
[8] Deċiża minn dil-Qorti diversament presjeduta nhar it-8 ta' Jannar 1996.
[9] Deċiża minn dil-Qorti diversament presjeduta nhar it-23 ta' Jannar 1998.

normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.

*Ikkunsidrat*

34. Illi din il-Qorti rat u semgħet ir-reġistrazzjoni tax-xiehda tal-minuri OMISSIS2 u ma tistax ma tirrimarkax li ħassitha kemxejn sorpriża bid-diżinvoltura li xehdet biha dil-minuri ta' tnax il-sena dwar ir-rapporti sesswali kunsmati u mżewqin li kellha mal-appellant, disa' u għoxrin sena akbar minnha. Ix-xiehda tal-minuri kienet ċara, skjetta, diretta u ma tħalli xejn għall-immaġinazzjoni. Xiehda li turi li l-minuri, għalkemm biss ta' tnax il-sena, ma kienetx ta' subgħajha f'ħalqa. Anke l-mod kif tispjega l-approċ tagħha lejn il-proposta tas-sess anali mal-appellant, għalkemm għall-bidu kienet riluttanti dwarha, jirriżulta li ma kellhiex wisq bżonn t'imbottaturi ulterjuri biex takkonsentixxi u twettaqha. Il-fatt li din l-istess minuri kienet diġa ġiet deflorata minn ġuvni sena akbar minnha, u li għażlet ukoll li tinvolvi lill-appellant fil-wiri ta' *video clip* li kellha tal-pene ta' dan il-ġuvni, juri wkoll ċertu laxkezza fil-mod ta' kif din il-minuri kienet tirrelata mas-sess – minkejja li kienet għadha tifla ta' tnax il-sena.

35. Biss din il-Qorti jidhrilha li anke f'din id-dinja oċċidentali avvanzata, fejn b'mod ġenerali ċerta imġieba sesswali ma baqgħetx tabu, iżda saret suġġett komuni jew mhux ukoll banalizzat u

mxandar u mibjugħ fuq diversi mezzi tax-xandir u l-internet aċċessibbli għall-kbar daqskemm għaż-żgħar u fejn b'mod ġenerali anke s-soċjeta Maltija saret tittratta materji sesswali b'ċerta diżinvoltura, fejn l-eta tal-kunsens sesswali ġiet ukoll imnaqsa għal sittax il-sena, u anke jekk dil-minuri, li tgħix u hija parti minn din id-dinja moderna ma kienetx ġdida għal esperjenzi sesswali, mill-banda l-oħra ma jistax ma jingħadx li l-imġieba tal-appellant ma għamlitihiex ġid.

36.Raġel ta' wieħed u erbgħin sena u li diġa kellu diversi nisa f'ħajtu, ma kellux għalfejn jidħol f'din ir-relazzjoni sesswali oħra ma tifla ta' tnax il-sena.

37.Din il-Qorti jidhrilha li irrispettivament mill-fatturi ambjentali u personali partikolari għall-minuri u mill-fatt li l-minuri kienet diġà esperjenzat attivitajiet sesswali ma terz tamparha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant għar-rigward tat-tielet imputazzjoni.

38.Jirriżulta b'mod ċar mill-provi prodotti, illi l-esperjenzi sesswali li OMISSIS2 kellha mal-appellant kienu jmorru ben oltre dawk illi hija kienet esperjenzat mal-ġuvni koetanju. Il-provi juru li kien l-appellant li introduċiha għas-sess anali. Anzi din l-attivita kienet ġiet imħeġġa minnu bl-iskop illi jkunu jistgħu jikkonsmaw l-att sesswali mingħajr il-preokupazzjoni illi l-minuri tinqabad tqila. Il-minuri tgħid li huwa ried *idarriha* f'din l-attivita – espressjoni din –

*idarriha* - li turi li t-tir f'moħħ l-appellant kien li dawn ir-rapporti sesswali jkomplu għaddejjin.[10]

39. Inoltre, il-qabża enormi li hemm fl-eta bejniethom kienet ukoll indikattiva tad-differenza fl-esperjenzi, inkluż sesswali, li dawn iż-żewġt persuni setgħu kienu miftuħa għalihom. F'dan il-każ jirriżulta li kien l-appellant li beda bl-avvanzi sesswali tiegħu mal-minuri, li għall-ewwel bdew b'xi tbagħbis fil-partijiet intimi tal-minuri, biex imbagħad imxew għal rapport sesswali vaġinali ikkunsmat b'mod ripetut u li kompla jevolvi anke għal episodju ta' sess anali – u dan dejjem ma minuri ta' tnax il-sena.

40. M'hemmx dubju f'moħħ din il-Qorti li l-elementi rikjesti għall-fini tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kienu jirrikorru mingħajr diffikulta f'dan il-każ fejn għaldaqstant din il-Qorti tikkonkludi illi l-ewwel aggravju kif miġjub għandu jiġi miċħud.

***Ikkunsidrat***

41. Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant jidher li jikkonċedi l-ħtija tiegħu fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni għalkemm iqis li l-Qorti tal-Maġistrati kellha tikkonsidra l-ewwel imputazzjoni bħala mezz għall-fini sabiex ikunu jistgħu jitwetqu l-attivitajiet sesswali mal-minuri imsemmija fit-tieni imputazzjoni.

[10] Ara folio 42 tal-atti proċesswali formanti parti mid-deposizzjoni ta' OMISSIS2 kif rilaxxata quddiem l-Ewwel Qorti.

42. Għalkemm mir-relazzjoni teknika ta' Dr. Farrugia Sacco il-Qorti tal-Maġistrati ma kellhiex il-kontenut tal-messaġġi jew telefonati li ġew skambjati bejn l-appellant u l-minuri, jirriżulta li kuntatti bejniethom tramite l-mezzi ċellulari tagħhom kienu saru diversi drabi. Mix-xiehda tal-minuri jirriżulta wkoll li dawn il-mezzi kienu ġew użati minnhom it-tnejn biex jikkomunikaw ma xulxin sabiex ikollhom l-inkontri sesswali klandestini bejniethom.

43. Din il-Qorti rat li fid-deċide tagħha l-Qorti tal-Maġistrati inkludiet l-artikolu 17 tal-Kodiċi Kriminali fost l-artikoli tal-Liġi li jirregolaw jew joħolqu r-reati li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati. Jiġifieri hemm indikazzjoni ċara li l-Qorti tal-Maġistrati ħadet in konsiderazzjoni d-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu meta ġiet biex tiddetermina l-piena li kellha tiġi inflitta.

44. Dan l-aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

***Ikkunsidrat***

45. Illi jifdal biss l-aħħar gravam interpost dwar il-piena illi fil-fehma tal-appellant għandha tiġi riveduta kemm bħala kwalita' għal waħda li ma tikkonsistix minn karċerazzjoni effettiva u kif ukoll bħala kwantum.

46. Qabel xejn il-prinċipju regolatur rigward appell mill-piena huwa li din il-Qorti ta' reviżjoni ma tbiddilx il-piena imposta mill-Qorti tal-

Maġistrati sakemm din ma tkunx żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva.

47. Illi jibda biex jingħad illi l-pieni applikabbli f'dan il-każ huma dawk qabel id-dħul fis-seħħ tal-emendi li seħħew fis-sena 2018 u li b'mod ġenerali ġabu magħhom żieda fil-pieni f'dawn il-każijiet. Il-Qorti tal-Maġistrati applikat il-piena skont kif kienet il-Liġi fiż-żmien ta' meta ġew kommessi r-reati u għalhekk applikat skajjel ta' piena anqas minn dawk li hemm illum il-ġurnata għal reati analogi.

48. Il-komputazzjoni tal-piena magħmula minn dik il-Qorti turi li dik il-Qorti żammet mal-parametri stabbiliti mill-Liġi għar-reati imsemmija inkluż meta l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni d-disposizzjonijiet tal-17(h). F'dan il-każ jirriżulta li l-Prosekuzzjoni addebitat lill-appellant bir-reat kontinwat skont l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali biex b'hekk il-piena t'erba' snin priġunerija f'dan il-każ tirriżulta li hija qrib sew tal-*minimum* li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tagħti f'dan il-każ. B'hekk anke għal din ir-raġuni mhux possibbli li tiġi mogħtija sentenza ta' priġunerija fil-forma sospiża tagħha u dan stante li l-piena erogabbli kienet taqbeż is-sentejn priġunerija msemmija fl-artikolu 28A(1) tal-Kodiċi Kriminali.

49. Iżda aktar minn hekk il-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati tirrifletti kemm kien gravi dan il-każ, fejn l-appellant, raġel ta' wieħed u erbgħin sena kellu attivitajiet sesswali kompluti u imżewqin, b'mod ripetut, ma tifla ta' tnax il-sena u li kienet tkun

fdata mal-grupp ta' ħbieb adulti u tfal oħra li kien jiffrekwenta l-appellant.

50. Il-ġmiel tal-innoċenza tad-devertiment ta' ġranet il-baħar ġie miksur bl-atti libidinużi tal-appellant fuq waħda minn dawn il-bniet li kienu jkunu miegħu, mal-għarusa tiegħu ta' dak iż-żmien u l-ħbieb tagħhom. Li kieku l-appellant ħaseb sew qabel ma ħalla l-passjonijiet tiegħu jegħlbuh bl-ikrah, kif għamlu, ara kemm kien jevita uġiegħ u inkwiet, għalih u għal ħaddieħor.

51. Għal din ir-raġuni din il-Qorti ma tistax tiddisturba din id-diskrezzjoni mwetqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

# *DECIDE*

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***